MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2507/2002

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Joyce Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115), in kwantu s-somma ta' Lm60 import ta' zewg kambjali [Dok. 1 u 2], hamsin lira Maltija (Lm50) prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghal hames liri Maltin (Lm5) imghax legali fuq dawn l-ammont kalkolati sal-lum.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Kenneth Cutajar jikkonferma l-avviz tat-talba u li l-ammont dovut ghadu kollu dovut..

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin [Lm110], bl-imghax in kwantu ghall-kambjali mid-data li mmaturaw u fir-rigward tal-bilanc mid-data li l-konvenuta giet notifikata bl-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------